MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 782/2001/1

**Cit Nru: 782/01 JA.**

**Maria Delia, Giuseppa Delia u Pauline Calleja, ilkoll ahwa Delia.**

**-vs-**

**George u Lourdes konjugi Diacono.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2001 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi huma ko-proprjetarji ta’ zewg prozjonijiet raba ossia art, sitwat f’ Hal-Kirkop, liema raba hija ndikata bhala porzjoni “C” u “E” fil-pjanta hawn annessa u markata bhala Dokument “A”;

Illi mill-antik l-atturi kellhom access ghall-imsemmija raba bl-ingenji;

Illi l-konvenuti f’ dawn l-ahhar xahrejn ikkommettew spoll billi bnew hajt fil-proprjeta’ tal-atturi, kif wkoll fil-passagg li jaghti ghall-porzjoni tar-raba proprjeta’ tal-mittenti ndikat bhala porzjoni “E” fid-dokumnet “A” hawn anness, b’ konsegwenza li l-konvenuti mhux biss dejqu l-passag li jaghti ghar-raba tal-atturi, izda dahlu wkoll gewwa l-proprjeta’ ta’ l-atturi ndikat bhala porzjoni “C” fid-Dokument “A” hawn anness, u imblokkaw kull access tal-atturi ghal raba taghhom indikat bhala porzjoni “E” fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dokument “A”;

Illi tali agir abbusiv u llegali tal-konvenuti jirrizulta wkoll minn pjanta mahruga mill-Perit Joseph Cassar (hawn anness u mmarkat Dokument “B”);

Illi l-konvenuti ma kellhom ebda dritt jipossessaw lill-atturi mill-pussess tal-imsemmija raba, jew mid-dritt taghhom ta’ access ghar-raba de quo;

Illi nonostante debitament interpellati biex inehhu l-hajt mertu tal-kawza odjerna, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll ghad-dannu tal-atturi;

2. Tordna lill-konvenuti jirrientegraw fil-pussess lill-atturi billi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jnehhu l-hajt mertu tal-kawza odjerna, u fin-nuqqas tikkundanna l-konvenuti ghal disprezz lejn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas tal-konvenuti fiz-zmien lilhom prefiss jaghmlu x-xogholijiet necessarji sabiex jitnehha il-hajt *de quo* a spejjez tal-konvenuti, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata (sic), u tal-ittra ufficjali datata (sic), 2001, u b' riserva ta' kull azzjoni fil-Ligi, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Pauline Calleja fit-3 ta' Mejju, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-28 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha eccepew:

1. Illi in linea preliminari c-citazzjoni odjerna hija irritwali stante illi ma gietx prezentata entro t-terminu ta' xahrejn skond il-ligi;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-konvenuti ma kkommettew l-ebda spoll.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa minn Lourdes m/b Mary Lourdes Diacono fit-28 ta' Mejju, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll . Il-partijiet it-tnejn ressqu x-xhieda taghhom permezz ta'

affidavits u l-atturi ippresentaw ukoll affidavits ta certi membri tal-familja.

Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dwan huma:

1. il-pussess

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta’ tal-attur u

3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Il-konvenut f’ din il-kawza qed jichad li ikkommetta spoll u qed jallega li kull ma ghamel kien bi ftehim mal-atturi fi-sens illi nformahom qabel ma’ tella l-hajt in kwistjoni. Qed jeccepixxi ukoll li l-kawza giet istitwita iktar minn xahrejn wara li sar l-allegat spoll.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu qal li effettivament hu ressaq il-hajt pero’ qal li ghamel dan wara sentenza tal-Qorti u biex appuntu l-hajt isir skond is-sentenza. Madankollu ma tressqu ebda provi dwar din il-kawza u jidher li effettivament ma kienitx kawza bejn iz-zewg partijiet f’ din il-kawza izda bejn inkwlini tal-atturi u l-konvenut. Ma giex prodott xejn pero dwar dan.

Fejn din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandhu ragun huwa dwar l-ewwel eccezjoni tieghu. Il-kawza giet intavolata fil-4 ta’ Mejju 2001; il-konvenut qal li effettivament ix-xoghol sar f’ Settembru jew Ottubru 2000. Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax fuq l-affidavit ta’ Giuseppa Delia ( a fol 25 tal-process) fejn hemm miktub:

*Dan (Grezzju Bonnici) circa xahar u nofs qabel ma ftahna l-kawza (say date by checking opening of case) informana li George Diacono u cioe l-konvenut kien qed jaghmel gandott u jibni hajt...*

Jidher car li l-ewwelnett dan l-affidavit ma sarx certament mix-xhud u hija indikazzjoni cara illi l-atturi jew min kien qed jirraprezentahom kien qed jaghmel sforz biex jaghti l-impressjoni li l-kawza saret fil-hin, probabbilment appuntu ghaliex dan ma kienx sar.  Fi kliem iehor min irrediga l-affidavit pogga kliem li certament ma kienx qed jinghad mix-xhud bl-intenzjoni li jisgwida l-Qorti.

L-istess Perit Cassar li gie prodott mill-atturi ma kienx f' posizzjoni li jghid ezatt meta gie konsultat mill-klijenti tieghu u kollox ma kollox fuq dan l-aspett il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-konvenut hija certament iktar kredibbli.  In vista ta' dan il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tindaga fuq l-aspetti l-ohra.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjes jigu sopportati mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------